MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**SCERRI HERRERA CONSUELO-PILAR LL.D.**

Seduta ta' 28 ta' Ottubru, 2002

Numru 319/2000

**Artikolu 8(2) tal-Kap 152**
**tal-Ligijiet ta' Malta,**

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Bonello**
**V**

**PAUL KAVANAGH**

**Seduta ta' llum 28 ta' Ottubru, 2002**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **PAUL KAVANAGH** ta' erbgha w ghoxrin sena bin David u Pauline nee Zammit, imwieled Birmingham, l-Ingilterra nhar t-tmintax ta' Jannar, 1978 u joqghod Flat 7, Alfrida, Triq Sliema, l-Gzira, detentur tal-karta tal-identita numru 0017339A, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fit-tmienja ta' Mejju, 2000 ghall-

habta tas-sebgha ta' filghodu waqt li kien residenti fil-Komunita Frate Francesco, sitwata fi Triq G. Mannarino, B'Kara, kkommetta serq ta' oggetti fosthom kalci, zewg teki, hames relikwi, kaxxa tar-relikwi tal-qaddisin u arlogg antik liema serq sar ghad-detriment tal-imsemmija komunita u li huwa kkwalifikat bil-mezz, persuna u valur li ma jiskorrix l-elf lira maltin.  Huwa kien gie wkoll akkuzat talli fl-istess perjodu, zmien, lok u cirkostanzi voluntarjament hassar, ghamel hsara fl-imsemmija komunita, liema hsara ma tiskorrix l-hamsin lira maltin imma izjed minn ghaxar liri maltin ghad-detriment tal-imsemmija komunita.

Rat li b'sentenza moghtija nhar l-hmistax ta' Mejju, 2001, din il-Qorti kif preseduta kienet sabet lil imputat hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu pero kienet illiberatu bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor ghal perjodu ta' tlett snin u ordnat li joqghod taht s-supervizzjoni tal-Probation Officer Victoria Grech ghal tlett snin u fil-fatt fl-ordni tal-probation li tifforma parti mis-sentenza, l-imputat kellu zewg obbligazzjonijiet li kellu jsegwi u cioe "**li l-imputat jkollu kuntatt regolari u kontinwu mal-Probation Officer imsemmija u b'hekk ghandu jzomm kull appuntament regolari moghti lilu minnha u li jissottometti ruhu ghal *urine testing* kull meta thoss li huwa l-kaz l-istess Probation Officer Victoria Grech**"

Illi permezz ta' nota ppresentata nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Novembru, 2000 mill-Probation Officer Victoria Grech, hija kienet infurmat lil Qorti li l-imputat ma kienx qed jzomm kuntatt regolari maghha, beda jghamilha ma kumpanija hazina u peress li qata l-kuntatt minn maghha, tilef post fil-lista ta' dawk dehlin fil-programm.
Illi **nhar t-tmintax ta' Frar, 2001 xehdet l-istess Probation Officer Victoria Grech u spjiegat** li minn Dicembru, 2001 'l quddiem, bdiet tarah hi.  Hija ppruvat iddahhlu f'Dar l-Oasi pero l-imputat ma zammx l-appuntamenti li kellu maghha u cioe nhar l-erbgha ta' Jannar, 2002, nhar s-sittax ta' Jannar, 2002, nhar s-sbatax ta' Jannar, 2002, nhar t-tmienja ta' Frar, 2002 u nhar t-tnax ta' Frar, 2002.  Qalet wkoll li nhar l-erbatax ta'

Frar, 2002 l-imputat qalilha li ma zammx l-appuntamenti li kellu maghha peress li kien arestat f'dawk il-granet.

Illi minn verifiki li ghamlet l-istess Probation Officer Victoria Grech, ma jirrizultax li dak li qalilha l-imputat kien veritier.

Illi **l-imputat ma xehdtx f'dawn il-proceduri u ghazel li lanqas ma jressaq xhieda.** Ghalhekk ix-xhieda moghtija nhar t-tmintax ta' Frar, 2002 mill-Probation Officer Carmen Borg ma hiex kontestata u ghalhekk ghandha titqies bhala veritiera.

Ghalhekk ma hemmx dubbju li l-imputat kiser l-ordni tal-Probation moghtija lilu minn din il-Qorti kif preseduta nhar l-hmistax ta' Mejju, 2001.

**Ghalhekk wara li l-Qorti rat l-artikolu 8(2) tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed tikkundanna lil imputat PAUL KAVANAGH ghal amenda ta' hamsin lira maltin pagabbli minnufih jew altrimenti tigi konvertita f'ghaxart ijiem detenzjoni skond l-artikolu 13 u 14 tal-Kodici Kriminali u dan in via tas-sanzjoni ghal ksur tal-kundizzjoni tal-ordni ta' probation imposta fuqu minn din il-Qorti kif preseduta nhar l-hmistax ta' Mejju, 2001.**

**Peress li l-imputat irritorna r-res furtiva kollha waqt il-proceduri qabel ma nghatat s-sentenza tal-hmistax ta' Mejju, 2001, il-Qorti ma thossx li ghandha tittratta mieghu mill-gdid ghar-reati fejn kien nghata il-Probation Order originarjament.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**